**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kumpilazzjoni Numru: 337/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Xerri)**

**vs**

**Luigi Giuseppe Comella**
**(Detentur ta' passaport Taljan YB6435060)**

**Illum, 5 ta' Mejju 2023**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Luigi Giuseppe Comella** ta' 22 sena, iben Roberto u Tiziana nee` Scherma, resident ġewwa Centre Court 4, Flat 8, Triq il-Faxxina, Swieqi, detentur ta' passaport Taljan numru YB6435060, imwieled l-Italja nhar is-6 ta' Ottubru 2000;

Akkużat talli bejn iż-żmien tat-23 ta' April 2023 u s-26 ta' April 2023, f'diversi ħinijiet, ġewwa Portomaso Casino, sitwat fi Vjal Portomaso, San Ġiljan u/jew f'dawn il-Gżejjer:

1. B'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex

iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ bi ħsara ta' Portomaso Casino u/jew Tumas Gaming u/jew entitajiet oħra, liema ammont tal-ħsara magħmula huwa aktar minn ħamest elef ewro (€5,000) (Artikoli 308, 310(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Talli fl-istess żmien u ċirkostanzi bi ħsara ta' Portomaso Casino u/jew Tumas Gaming u/jew entitajiet oħra, għamel xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli tas-Sub Titolu III, Titolu IX, Tieni Taqsima, l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema ammont ta' ħsara magħmula huwa aktar minn ħamest elef ewro (€5,000) (Artikoli 309, 310(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. Ukoll talli fl-istess żmien u ċirkostanzi, minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew serviz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, approprja ruħu billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat bi ħsara ta' Portomaso Casino u/jew Tumas Gaming u/jew entitajiet oħra (Artikoli 293, 294, 310(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

4. Iffalsifika, għamel kontrafazzjoni jew bagħbas xi apparat jew xi awtoriżżazzjoni jew dokument ieħor hu x'inhu maħruġ taħt, użat, jew li għandu jintuża għall-għanijiet tal-Att dwar il-Logħob (Artikoli 29(1)(a), 23(1) u t-Tielet Skeda (Artikolu 23) tal-Kap. 583 tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjeta` mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-imputat jew huma proprjeta` tiegħu, kif ukoll sabiex tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjeta` mobbli jew immobbli, ai termini tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa, tordna l-konfiska favur il-Gvern tar-rikavat li ġie mir-reat jew ta' dik il-proprjeta` li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat, ai termini tal-Artikolu 23B tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż il-permess tal-Awtorita` ta' Malta dwar il-Logħob sabiex jittieħdu proċedimenti kriminali kontra l-imputat odjern taħt l-Att dwar il-Logħob, Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan ai termini tal-Artikolu 24(2) tal-istess Att[1];

Rat illi waqt l-eżami tiegħu skont il-liġi, l-imputat **Luigi Giuseppe Comella** wieġeb illi huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u dan wara illi ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti avżatu bil-konsegwenzi legali ta' din l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed sabiex jerġa' jaħsibha u jerġa' lura minnha;

Rat ukoll illi l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara illi t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet huma alternattivi għall-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Minkejja l-ammissjoni tal-imputat għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, wara li l-Qorti fliet l-atti proċesswali tqis illi ċ-ċirkostanzi tal-każ u l-egħmil tal-imputat iwasslu għall-ħtija tiegħu taħt it-tieni imputazzjoni u mhux taħt l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet, li fil-fatt kif ingħad, il-Prosekuzzjoni ddikjarathom bħala alternattivi għal xulxin, u għaldaqstant, minkejja tali ammissjoni, il-Qorti qed issib ħtija fl-imputat biss dwar it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet, filwaqt illi sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet.

Illi għall-fini ta' piena dwar it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet, il-Qorti qed tqis l-ammissjoni bikrija tal-imputat, kif ukoll illi huwa kkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni tagħha. Qed tqis in oltre illi minkejja illi l-ħsara lill-parti leża tammonta għas-somma ta' tmint elef u ħamsin ewro (€8,050) u dan kif maqbul bejn il-partijiet, minn dan ir-reat l-imputat ipperċepixxa biss is-somma ta' mija u ħamsin ewro (€150), kif ammess minnu fl-istqarrija tiegħu lill-Pulizija.

[1] Ara Dok. KX 2.

Qed tqis in oltre illi l-Prosekuzzjoni mhijiex tinsisti dwar piena karċerarja effettiva, kif ukoll illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ, inkluż l-ammont tal-ħsara kaġunata lill-vittma, il-qiegħ tal-imputat u l-eta` tenera tiegħu, kif ukoll illi l-fedina penali tiegħu hija waħda netta, piena karċerarja effettiva ma tkunx piena idonea. Fir-rigward, il-Qorti qed tikkunsidra wkoll illi l-imputat iddikjara illi huwa lest li jirrifondi l-valur tal-ħsara kollha kkaġunata lill-parti leża.

Qed tqis in oltre illi għandu japplika l-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali fir-rigward tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati.

Il-Qorti qed tqis ukoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 23B tal-Kodiċi Kriminali u b'mod partikolari illi għalkemm ir-rikavat kriminali f'dan il-każ kien jammonta għas-somma ta' tmint elef u ħamsin ewro (€8,050), kif ingħad il-qiegħ tal-imputat kien jammonta biss għas-somma ta' mija u ħamsin ewro (€150). Fiċ-ċirkostanzi, tenut kont illi l-Qorti ser tordna lill-imputat sabiex jirrifonda lill-parti leża l-valur kollu tal-ħsara kaġunata, ossia s-somma totali ta' tmint elef u ħamsin ewro (€8,050), sabiex tassigura li l-parti leża titħallas lura dak dovut lilha, f'dan il-każ tqis illi m'għandhiex oltre minn hekk tordna l-konfiska ta' din is-somma, iżda tal-qiegħ illi l-imputat attwalment ipperċepixxa mill-istess reat.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(h), 309 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali u l-Artikoli 29(1)(a), 23(1) u t-Tielet Skeda tal-Kap. 583 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat **Luigi Giuseppe Comella** ħati tat-tieni u tar-raba' imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah fir-rigward għall-piena ta' sentejn (2) priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, qed tiġi sospiża għall-perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum.

Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet, stante illi dawn ġew dikjarati mill-Prosekuzzjoni bħala alternattivi.

Ai termini tal-Artikolu 28H(1) tal-Kodiċi Kriminali, tordna lill-ħati sabiex jirrestititwixxi lill-parti leża s-somma ta' tmint elef u ħamsin ewro (€8,050) u dan fi żmien (6) sitt xhur mid-data ta' din is-sentenza. Dan mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-ħati li jipproċedi bi proċeduri ċivili kontra t-terzi persuni nvoluti fl-istess reat.

In oltre ai termini tal-Artikolu 23B(1) tal-Kodiċi Kriminali, tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' mija u ħamsin ewro (€150) jew ta' dik il-proprjeta` li l-valur tagħha jikkorrispondi għal tali valur.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti wissiet lill-ħati bi kliem ċar u sempliċi, il-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba huwa jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija matul il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża.

Ai termini tal-Artikolu 28H(8) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti spjegat lill-ħati fi kliem sempliċi r-responsabilita` tiegħu jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu mal-ordni tal-Qorti magħmul ai termini tal-Artikolu 28H(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Stante illi ma ġewx maħtura esperti f'dawn il-proċeduri, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali, tordna li l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza, fiż-żmien mogħti skont il-liġi.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

Oriana Deguara
Deputat Reġistratur